

Brussell, 7 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9317/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0248(COD)

CODEC 797
JAI 654
FRONT 206
ASIM 37
MIGR 103
CADREFIN 268

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fit-13 ta' Ġunju 2018 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 78(2), 79(2) u 79(4) TFUE.
2. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Ottubru 2018².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-13 ta' Marzu 2019⁴.

¹ 10153/18 + ADD 1 to ADD 3.
² ĠU C 461, 21.12.2018, p. 147–155.
³ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 184–188.
⁴ 7402/19.

5. Fl-1 ta' Marzu 2021 il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) ikkonferma l-qbil proviżorju u fit-2 ta' Marzu l-president tiegħu bagħat ittra lill-president tal-Coreper fejn iddikjara li, il-Parlament Ewropew għandu japprova, fit-tieni qari tiegħu, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.
6. Fl-10 ta' Marzu 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 6486/21 + REV 1 (ro), u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 6486/21 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Ungerija tivvota kontra u l-Awstrija tastjeni.
8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota.
